

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2016

tad-29 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew "l-FSE" u billi jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa disponibbli għar-rimborż lill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-iskali standard tal-ispejjeż tal-unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż lill-Istati Membri jiġu stabbiliti abbażi tal-metodi mressqa mill-Istati Membri jew ippubblikati mill-Eurostat u abbażi tal-metodi miftiehma b'mod komuni, fosthom il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 67(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u fl-Artikoli 14(2) u 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.
- (2) Jekk wieħed iqis id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fejn jidħol il-livell tal-ispejjeż għal tip ta' operazzjoni partikolari, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż tal-unità u tas-somom f'daqqa jaf ivarjaw skont it-tip ta' operazzjoni u skont l-Istat Membru biex jirriflettu l-ispeċifitajiet tagħhom.
- (3) L-Awstrija, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija bagħtu l-metodi għad-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni, filwaqt li n-Netherlands ippreżentaw metodu għad-definizzjoni ta' somma f'daqqa.
- (4) Minbarra is-sottomissjoni mir-Repubblika Ċeka, Malta, l-Italja u s-Slovakkja dwar il-metodi li jikkonċernaw it-tipi ta' operazzjonijiet li għadhom mhumiex koperti mir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2195, jenħtieġ li jiġu definiti skali standard tal-ispejjeż tal-unità addizzjonali għar-rimborż tan-nefqa lil dawn l-Istati Membri għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet.
- (5) Bħalissa, l-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità għall-Iżvezja huma stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-kumpens tal-parteċipant, ġew emendati abbażi tal-metodu mressqa mill-Iżvezja.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Meta jitqies l-oġettiv tal-espansjoni tal-possibbiltajiet għall-Istati Membri li jitolbu rimborż mill-Kummissjoni abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa, il-Kummissjoni ddefiniet l-ispejjeż għal kull unità u l-ammonti għal kull Stat Membru abbażi tad-dejta ppubblikata mill-Eurostat għall-operazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni.
- (7) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/2195 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, III, V, VI, VII u IX tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 jinbidlu bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

It-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jizzied bħala l-Annessi X sa XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lill-Iżvezja abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

1. Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

Tip ta' operazzjonijiet ⁽¹⁾	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti		
				Grupp tal-pagi (kodiċi SSYK ⁽³⁾)	Reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — amount f' SEK ⁽⁴⁾)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
1. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi priyoritarju 1 “Provvista ta' hili” tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001)	Sigħat maħduma	Il-kategoriji kollha tal-ispejjeż ħlief il-pagi tal-parteċipanti.	Għadd ta' sigħat maħduma ⁽²⁾	1 (912 – 913 -919 -921)	321	328
				2 (414 – 415 – 421 – 422 -512 – 513 – 514 – 515 – 522 – 611 -612 -613 – 614 -826)	360	356
				3 (331 – 348 – 411 – 412 – 413 – 419 – 711 – 712 – 713 – 714 – 721 – 722 – 723 – 724 – 731 – 732 – 734 – 741 – 742 – 743 – 811 – 812 – 813 – 814 – 815 – 816 – 817 – 821 – 822 – 823 -824 – 825 – 827 -828 -829 -831 – 832 – 833 – 834 – 914 – 915 – 931 – 932 – 933)	416	395
				4 (223 – 232 – 233 – 234 – 235 – 243 – 249 – 313 – 322 – 323 – 324 – 332 – 342 – 343 – 344 – 345 – 346 – 347 – 511 – 011)	473	438
				5 (213 – 221 – 231 – 241 – 244 – 245 – 246 – 247 – 248 – 311 – 312 – 315 – 321 – 341)	587	512
				6 (211 – 212 – 214 – 222 – 242 – 314)	776	724
				7 A (121)	1 035	1 035

Tip ta' operazzjonijiet ⁽¹⁾	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti		
				7 B (111-123)	1 121	875
				7 C (131-122)	735	601
2. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi prijoritarju 1 "Provvista ta' hili" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020)(CCI-2014SE05M9OP001)	Sigħat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	Il-paga tal-parteeipant	Għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni ⁽²⁾	Reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — amount f' SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)	
				229	234	
3. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi prijoritarju 2 "Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol" u l-assi prijoritarju 3 "Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfondsprogram för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI-2014SE05M9OP001)	Sigħat maħduma	Il-kategoriji kollha tal-ispejjeż ħlief l-allokazzjonijiet tal-parteeipanti.	Għadd ta' sigħat maħduma ⁽²⁾	Kategorija ta' xogħol	Reġjun: Stokkolma (SE 11) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)	Ir-reġjuni kollha barra Stokkolma (SE 12-33) (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa — ammont f' SEK)
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun	535	435
				Il-kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun/l-assistent kap tal-proġett għall-operazzjonijiet fejn in-nefqa totali eliġibbli kif iddikjarata fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ hija 'l fuq minn SEK 20 miljun	478	405
				Ħaddiem tal-proġett	331	300
				Ekonomista tal-proġett	427	363
				Amministratur	297	270

Tip ta' operazzjonijiet ⁽¹⁾	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti	
4. Operazzjonijiet appoġġati skont l-assi prioritarju 2 "Tranżizzjoni akbar lejn ix-xogħol" u l-assi prioritarju 3 "Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ" tal-Programm Operazzjonali (Nationellt socialfonds-program för investering för tillväxt och sysselsättning 2014-2020) (CCI- 2014SE05M9OP001)	Sigħat ta' parteċipazzjoni fl-operazzjoni	L-allokazzjoni tal-parteeipant	Għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni ⁽²⁾	L-assistenza finanzjarja (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				18-24 sena	32
				25-29 sena	40
				30-64 sena	46
				Għotja għall-attività u l-kumpens għall-iżvilupp (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				15-19 sena	17
				20-24 sena	33
				25-29 sena	51
				30-44 sena	55
				45-69 sena	68
				Il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali u tal-mard (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				19-29 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)	51
				30-64 sena (il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali)	58
				Il-benefiċċju tal-mard, il-benefiċċju tar-riabilitazzjoni, u l-benefiċċju għall-korrimment professjonali u fuq ix-xogħol (l-ispiża għal kull unità fis-siegħa)	
				Età	(SEK)
				– 19-il sena	48
				20-64 sena	68

⁽¹⁾ L-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità japplikaw biss għall-partijiet tal-operazzjonijiet li jkopru l-kategoriji tal-ispejjeż stabbiliti f'dan l-Anness

⁽²⁾ L-għadd totali ta' sigħat dikjarati f'sena ma jridx ikun oġġla mill-għadd standard ta' sigħat maħduma fis-sena fl-Iżvezja, li huwa 1 862 siegħa.

⁽³⁾ Kodiċi professjonali applikabbli fl-Iżvezja.

⁽⁴⁾ Il-munita fl-Iżvezja.

2. Aġġustament tal-ammonti

L-ispejjeż għal kull unità fit-tabella japplikaw għas-siġhat maħduma jew għas-siġhat ta' parteċipazzjoni fl-2015. Ħlief l-ispejjeż għal kull unità relatati mal-allokazzjonijiet tal-parteeipant, imsemmija fil-punt 4 tat-tabella, li mhux se jiġu aġġustati, dawn il-valuri għandhom jiżdiedu awtomatikament bi 2 % fl-1 ta' Jannar ta' kull sena mill-2016 sal-2023."

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lir-Repubblika Ċeka abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

1. Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
1. L-istabbiliment ta' faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post maħluq riċentement ffaċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal	— ix-xiri tat-tagħmir għal faċilità għall-indukrar tat-tfal; — il-ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukkata fuq il-ħolqien tal-faċilità.	Għadd ta' postijiet maħluqa reċentement ffaċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal ⁽²⁾	20 053 bil-VAT, jew, 16 992 mingħajr VAT
2. Trasformazzjoni ta' faċilità eżistenti għal grupp tat-tfal skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post trasformat għal grupp ta' tfal ⁽³⁾	— ix-xiri tat-tagħmir għal faċilità trasformati; — ix-xiri tal-materjal pedagoġiku; — il-ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukkata fuq it-trasformazzjoni tal-faċilità	Għadd ta' postijiet trasformati fi grupp tat-tfal ⁽⁴⁾	9 518 bil-VAT, jew 8 279 mingħajr VAT
3. It-tħaddim ta' faċilità għall-indukrar tat-tfal skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post ffaċilità għall-indukrar tat-tfal	— is-salarji tal-għalliema u tal-istaff l-ieħor, — it-tħaddim tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal, — il-ġestjoni tal-operazzjoni	Rata ta' okkupanza ⁽⁵⁾	628 ⁽⁶⁾
4. It-titjib tal-ħiliet tal-indokratur tat-tfal skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Il-kisba tal-kwalifika bħala indokatur tat-tfal ffaċilità għall-indukrar tat-tfal	— it-taħriġ u l-eżami għal kwalifika professjonali	L-għadd ta' persuni li jksbu ċertifikazzjoni ta' kwalifika professjonali bħala indokatur ffaċilità għall-indukrar tat-tfal	14 178
5. Il-kiri tal-bini tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post ffaċilità għall-indukrar tat-tfal	— Il-kera tal-bini għal faċilità għall-indukrar tat-tfal	Rata ta' okkupanza ⁽⁵⁾ .	56 ⁽⁶⁾

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
6. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi, (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	324
7. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar il-ħiliet personali u l-ħiliet manġerjali	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	593
8. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Perjodu (45 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kursijiet ta' taħriġ estern tal-lingwi	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' perjodi mwettqa għal kull impjegat	173
9. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ f'IT speċjalizzata	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	609
10. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern fil-kontabbiltà, fl-ekonomija u fil-liġi	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	436

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
11. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati skont l-Assi Prioritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern tekniku u taħriġ professjonali ieħor	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteeipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	252
12. Aktar taħriġ professjonali intern ⁽⁷⁾ ta' impjegati skont l-Assi Prioritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ mogħti minn ħarrieġ intern f'xi qasam minn dawn: — it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali; — il-ħiliet personali u l-ħiliet manigġerjali; — il-lingwi; — l-IT speċjalizzata; — il-kontabbiltà, l-ekonomija u l-liġi; — taħriġ tekniku u taħriġ ieħor professjonali.	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-istaff; — Spejjeż indiretti; — Il-pagi tal-parteeipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	144
13. Appoġġ ipprovdut minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prioritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 ekwivalent ta' xogħol full-time (FTE) maħdum bħala psikologu tal-iskola u/jew pedagogu tal-iskola speċjalizzat kull xahar	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	5 607
14. Appoġġ ipprovdut minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prioritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħdum minn assistent fi skola u/jew pedagogu soċjali kull xahar.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	Assistent tal-iskola: 3 502 Pedagogu soċjali: 4 695

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
15. Appoġġ ipprovdut minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħdum minn nanny kull xahar	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	3 227
16. Il-provvista ta' attivitajiet estrakurrikulari għat-tfal/studenti friskju ta' falliment skolastiku skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Il-provvista ta' sett ta' 16-il lezzjoni tal-attivitajiet estrakurrikulari b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-inqas 6 itfal/studenti tal-iskola li tnejn minnhom ikollhom riskju ta' falliment fl-iskola	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il lezzjoni b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-inqas 6 itfal/studenti tal-iskola li tnejn minnhom ikollhom riskju ta' falliment fl-iskola.	17 277
17. Appoġġ lil studenti fr-riskju ta' falliment skolastiku permezz ta' tutoring skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Il-provvista ta' sett ta' 16-il siegħa ta' tutoring lil grupp ta' mill-inqas 3 studenti reġistrati bir-riskju ta' falliment fl-iskola	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il siegħa mogħtija lil grupp ta' mill-inqas 3 studenti fr-riskju ta' falliment fl-iskola.	8 523
18. L-iżvilupp professjonali ta' pedagogi b'korsijiet ta' tatriġ strutturat skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Sigħat ta' tatriġ professjonali mogħtija lill-pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inkluż l-ispejjeż diretti tal-provvista tat-tatriġ.	L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' tatriġ għal kull pedagogu	1) 422 għal tatriġ fil-ħin regolari tal-lezzjonijiet 2) 170 għal tatriġ barra l-ħin regolari tal-lezzjonijiet
19. Il-provvista ta' informazzjoni lill-ġenituri permezz ta' laqgħat skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Laqgħa tematika b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta).	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' laqgħat tematiċi b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta)	3 676
20. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Sett ta' 30 siegħa ta' mento-raġġ/gwida estern għal grupp ta' bejn 3 u 8 pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 30 siegħa ta' mento-raġġ/gwida lil grupp ta' bejn 3 u 8 pedagogi.	29 698

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
21. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 15-il siegħa ta' monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 15-il siegħa għal kull pedagogu li jagħmel żjara strutturata lil pedagogu ieħor fi skola oħra.	4 246
22. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 10 sigħat ta' taħriġ b'koperazzjoni reċiproka li tinvolvi grupp ta' mill-inqas 3 pedagogi	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 10 sigħat li jinvolvi grupp ta' mill-inqas 3 pedagogi.	8 068
23. Żvilupp professjonali tal-għalliema ta' skola/faċilità edukattiva skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Lezzjonijiet tandem ⁽⁸⁾ ta' 2,75 sigħat.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff:	L-għadd ta' lezzjonijiet tandem imwettqa	778
24. Żvilupp professjonali tal-pedagogi ta' skola/faċilità edukattiva skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 19-il siegħa ta' koperazzjoni u tagħlim reċiproċi li jinvolvu espert u 2 pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-għadd ta' ċikli ta' 19-il siegħa mwettqa li jinvolvu espert u 2 pedagogi oħra.	5 377
25. Servizzi ta' konsulenza dwar il-karrieri fl-iskejjel u kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħduma kull xahar minn konsulent dwar il-karriera u/jew koordinatur ta' kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	4 942
26. Żvilupp professjonali tal-għalliema ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat li jinvolvi monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu u minn mentor.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat għal kull żjara strutturata lil istituzzjoni/kumpanija/faċilità.	2 395

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ⁽¹⁾	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammoniti (fil-munita nazzjonali CZK)
27. Żvilupp tal-kompetenzi professjonali tal-pedagogi skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 3,75 sigħat ta' taħriġ bl-involviment ta' pedagogu u u espert/tekniku tal-ICT.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 3,75 sigħat li jinvolvu pedagogu u espert/tekniku tal-ICT.	1 050

⁽¹⁾ F'kull każ elenkat hawn taħt, il-kategoriji tal-ispejjeż imsemmija jkopru kull l-ispiża assoċjata ma' dik l-operazzjoni, ħlief għat-tipi ta' operazzjonijiet Nru 1 u 2, li jistgħu jinkludu wkoll kategoriji oħra ta' spejjeż.

⁽²⁾ Tfisser post ġdid li jkun parti mill-kapaċità tal-faċilità l-ġdida għall-indukrar tat-tfal kif irreġistrata mir-regolamenti nazzjonali, u li għandha prova ta' tagħmir għal kull post ġdid ieħor provdut.

⁽³⁾ Grupp ta' tfal tfisser li dan ġie rreġistrat bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-għoti tas-servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal.

⁽⁴⁾ Tfisser post f'faċilità eżistenti li tkun għadha kif ġiet irreġistrata bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u li tkun parti mill-kapaċità uffiċjali ta' dak il-grupp, u li għandha prova ta' tagħmir għal kull post.

⁽⁵⁾ Ir-rata tal-okkupanza hi definita bħala l-għadd ta' tfal li jattendu l-faċilità għall-indukrar tat-tfal kull nofstanhar f'6 xhur diviżi bil-kapaċità massima tal-faċilità għal kull nofstanhar f'6 xhur, immultiplikati b'100.

⁽⁶⁾ Dan l-ammont se jitħallas għal kull punt ta' 1 % ta' okkupanza għal kull post sa massimu ta' 75 % punti għal perjodu ta' 6 xhur. Jekk ir-rata tal-okkupanza tkun inqas minn 20 %, ma jsir l-ebda rimborż.

⁽⁷⁾ Jiġifieri mogħtija minn ħarrieġ intern.

⁽⁸⁾ Lezzjoni tandem għandha tinftehem bħala 2 pedagogi li jikkoperaw biex isaħħu b'mod reċiproku l-iżvilupp professjonali tagħhom billi jippjanaw, jimplementaw u jirriflettu b'mod koġunt fuq il-metodi tat-tagħlim fil-klassi.

2. Aġġustamenti tal-ammoniti

Ir-rata tal-ispejjeż għal kull unità 6-11 tista' tiġi aġġustata billi tinbidel ir-rata inizjali tal-paga minima fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fil-paga minima, l-ispiża għall-għoti tat-taħriġ u l-ispejjeż indiretti.

Ir-rata tal-ispiża għall-unità 12 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-ispejjeż diretti inizjali tal-istaff, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-ispejjeż diretti tal-istaff, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa.

Ir-rata tal-ispejjeż għal kull unità 13-17 u 19-27 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-ispejjeż diretti inizjali tal-istaff, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-ispejjeż diretti tal-istaff, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll l-ispejjeż indiretti.

Ir-rata tal-ispiża għall-unità 18 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu s-salarji għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-ispiża għall-għoti tat-taħriġ flimkien mal-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll l-ispejjeż indiretti.

L-aġġustamenti se jissew fuq dejta aġġornata kif ġej:

għall-paga minima, l-emendi fil-paga minima kif stabbiliti bid-Digriet tal-Gvern Nru 567/2006 Coll,

fejn jidħlu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-emendi fil-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għas-sigurtà soċjali, definiti fl-Att Nru 589/1992 Coll., dwar is-sigurtà soċjali; kif ukoll

fejn jidħlu l-kontribuzzjonijiet tas-saħħa, l-emendi fil-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għall-assigurazzjoni medika, definiti fl-Att Nru 592/1992 Coll., dwar primjums għall-assigurazzjoni medika.

fejn jidħlu s-salarji medji li jiddeterminaw il-pagi/l-ispejjeż tal-istaff, bidliet fl-aħħar dejta annwali ppubblikata għall-kategoriji rilevanti mill-qliġ medju tas-sistema informattiva (www.ISPV.cz)."

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lil Malta abbażi ta’ skali standard tal-ispejjeż għal kull unità

1. Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

Tip ta’ operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammoniti (f’EUR)
1. Għajnuna għall-Impjeg (Skema A2E) skont l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali II tal-FSE — “Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà” (2014MT05SFOP001)	Għajnuna għal impjeg im-hallsa fil-ġimgħa lill-ħaddiema li huma żvantaġġati jew b’diżabbiltà, bi żvantaġġ serju ⁽¹⁾ .	Kull spiża relatata mas-Sussidju tal-Impjeg.	L-għadd ta’ ġimgħat fl-impjeg għal kull impjegat.	1. Ħaddiem żvantaġġat – 85 kull ġimgħa sa massimu ta’ 52 ġimgħa. 2. Ħaddiem żvantaġġat serjament – 85 kull ġimgħa sa massimu ta’ 104 ġimgħat 3. Ħaddiem b’diżabbiltà – 125 kull ġimgħa sa massimu ta’ 156 ġimgħa.
2. Għajnuna għat-Taħriġ (Skema Ninvestu fil-Ħiliet) tal-intrapriżi fis-settur privat skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali II tal-FSE — “Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà” (2014MT05SFOP001)	Parteċipazzjoni f’taħriġ estern akkreditat jew mhux akkreditat ta’ siegħa.	Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ estern;	L-għadd ta’ sigħat imwettqa għal kull parteċipant	25
3. Għajnuna għat-Taħriġ (Skema Ninvestu fil-Ħiliet) tal-intrapriżi fis-settur privat skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali II tal-FSE — “Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà” (2014MT05SFOP001)	Provvista ta’ taħriġ intern akkreditat jew mhux akkreditat ta’ siegħa.	L-ispejjeż tas-salarji għall-ħarrieġ intern.	L-għadd ta’ sigħat imwettqa ta’ taħriġ provvdut għal kull ħarrieġ.	4,90
4. Għajnuna għat-Taħriġ (Skema Ninvestu fil-Ħiliet) tal-intrapriżi fis-settur privat skont l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali II tal-FSE — “Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà” (2014MT05SFOP001)	Parteċipazzjoni f’taħriġ intern jew estern akkreditat jew mhux akkreditat ta’ siegħa.	L-ispejjeż tas-salarji għall-parteċipanti.	L-għadd ta’ sigħat imwettqa għal kull parteċipant.	4,90

⁽¹⁾ Kif definit fir-Regolament (UE) Nru 651/2014.

2. Aġġustament tal-ammonti

L-ispiża tal-unità 1 tista' tiġi aġġustata billi tinbidel il-paga minima inizjali u/jew il-bonus statutorju u/jew l-allokazzjonijiet fil-ġimgħa u/jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-aktar rata baxxa fil-ġimgħa tal-paga minima nazzjonali, il-bonus statutorju u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u dan ir-riżultat jiġi diviż bi tnejn (2).

L-ispiża għall-unità 2 tista' tiġi aġġustata billi tiġi applikata r-rata annwali tal-inflazzjoni fir-rati rispettivi. Mill-2017, għal sena partikolari N, dan jista' jsir billi tkun applikata r-rata tal-inflazzjoni għas-sena N-1 kif ippubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Malti fi: https://nso.gov.mt/en/nso/Selected_Indicators/Retail_Price_Index/Pages/Index-of-Inflation.aspx

L-ispejjeż għal kull unità 3-4 jistgħu jiġu aġġustati billi tinbidel il-paga minima nazzjonali inizjali għall-persuni ta' 18-il sena jew iktar u/jew il-bonuses statutorji u/jew l-allokazzjonijiet fil-ġimgħa u/jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fir-rata fis-siegħa tal-paga minima nazzjonali għall-persuni ta' 18-il sena jew aktar għal sena partikolari, il-bonuses statutorji, l-allokazzjonijiet fil-ġimgħa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

L-aġġustamenti se jissejsu fuq dejta aġġornata kif ġej:

Il-paga minima nazzjonali hija speċifikata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja Nazzjonali 452.71 (Ordni Permanenti dwar il-Paga Minima Nazzjonali).

Il-bonuses statutorji, l-allokazzjonijiet fil-ġimgħa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma stipulati mill-Kapitolu 452 tal-leġislazzjoni Maltija dwar l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali."

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lill-Italja abbażi ta' skali standard tal-ispejjeż għal kull unità

1. Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)
1. Miżura 1.B tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-impieg taż-Żgħażaġh</i> (2014IT05-M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽¹⁾ taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Friuli VG 2014IT05SFOP004 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05SFOP013 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018 — POR Umbria 2014IT05SFOP010	Ir-rata fis-sieġha tal-appoġġ tal-ewwel livell ta' gwida	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-ghadd ta' sigħat li jipprovdu appoġġ tal-ewwel livell ta' gwida	34,00

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
— POR Valle D'Aosta 2014IT05S-FOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05S-FOP015				
2. Miżura 1.C tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-impieg taż-Żgħażaġh</i> (2014IT05-M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽²⁾ taht: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05S-FOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16-M2OP006 — POR Campania 2014IT05S-FOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05S-FOP003 — POR Friuli VG 2014IT05S-FOP004 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05S-FOP013 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05S-FOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018	Ir-rata fis-siegħa tal-appoġġ ta' speċjalista jew tat-tieni livell ta' gwida	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff.	L-ghadd ta' sigħat li jipprovdu appoġġ ta' speċjalista jew tat-tieni livell ta' gwida	35,50

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)		
— POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05SFOP015						
3. Miżuri 2.A, 2.B, 4.A, 4.C u 7.1 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġħ</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽³⁾ taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05SFOP015	A. Ir-rata fis-siegħa għall-korsijiet ta' taħriġ li ġejjin: — It-taħriġ iffoka fuq l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; — L-integrazzjoni mill-ġdid fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ għaż-żgħażaġh bejn il-15 u t-18-il sena; — Apprendistat għal kwalifiki u diplomi professjonali; — Apprendistat għal taħriġ u riċerka ogħla; — Taħriġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u intraprenditorija awtonoma ⁽⁴⁾ Din ir-rata fis-siegħa tiddependi mit-tip ta' klassi (A, B jew C ⁽⁵⁾) B. Ir-rata fis-siegħa għal kull student li jipparteċipa fit-taħriġ	L-ispejjeż eliġibbli kollha, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff, minbarra l-allokazzjonijiet imħallsa lill-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat għal kull kors ta' taħriġ ddifferenzjat skont it-tip ta' klassi, u l-għadd ta' sigħat għal kull student.	TIP TA' KLASSI	IR-RATA FIS-SIEGħA GħAL KULL KORS	IR-RATA FIS-SIEGħA GħAL KULL STUDENT
				C	73,13	0,80
				B	117,00	
				A	146,25	

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)				
				Klassifikazzjoni tal-profil	BAXXA	MEDJA	GĦOLJA	GĦOLJA ĦAFNA
4. Miżura 3 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġħ</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽⁶⁾ taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Friuli VG 2014IT05SFOP004 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05SFOP013 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018	Kuntratti ġodda tax-xogħol bħala riżultat ta' gwida tal-impjegi	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff	L-għadd ta' kuntratti ġodda ta' impjegi, differenzjati skont it-tip ta' kuntratt u l-klassifikazzjoni tal-profil (minn baxxa għal għolja ħafna) ⁽⁷⁾	Kuntratt indefinit u kuntratt ta' apprendistat tal-ewwel u tat-tielet livell	1 500	2 000	2 500	3 000
				Apprendistat tat-tieni livell, kuntratt għal żmien fiss u temporanju ta' ≥ 12-il xahar	1 000	1 300	1 600	2 000
				kuntratt għal żmien fiss u temporanju ta' 6-12-il xahar	600	800	1 000	1 200

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)				
— POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05SFOP015								
5. Miżura 5 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġh</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili (*) taht: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Friuli VG 2014IT05SFOP004 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05SFOP013 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021	Reġjonali/interregional għodda apprendistati transnazzjonali.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff għall- għoti ta' apprentistat	L-għadd ta' apprendistati, differenzjati skont il- klassifikazzjoni tal- profil.		BAXXA	MEDJA	GHOL- JA	GHOLJA HAFNA
				REĠJONALI/INTERRE- GIONAL/TRANSNAZ- ZJONALI	200	300	400	500

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)				
— POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018 — POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002								
6. Miżura 5 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġħ</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili (*) taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Friuli VG 2014IT05SFOP004 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05SFOP013 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021	Apprendistat skont il-mobbiltà interreġjonali	Għall-mobbiltà interreġjonali: kull spiża eliġibbli, fosthom l-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ikel, minbarra l-allokazzjonijiet lill-parteċipant	L-għadd ta' apprendistati, differenzjati skont il-post u għall-mobbiltà interreġjonali, id-durata tal-apprentistat.	Il-mobbiltà interreġjonali skont ir-rati stipulati fil-punt 3.4				
	Apprendistat skont il-mobbiltà transnazzjonali	Għall-mobbiltà transnazzjonali: kull spiża eliġibbli.		Il-mobbiltà transnazzjonali skont ir-rati stabbiliti fil-punt 3.5				

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
— POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018 — POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002				
7. Miżura 6 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġħ</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili (*) taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Piemonte 2014IT05SFOP013 — POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002	Sett ta' 30 siegħa ta' taħriġ ta' tħejija ġenerali għall-aċċess fis-servizz ċivili	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff, minbarra l-allokazzjonijiet u l-assigurazzjoni.	Għadd ta' parteċipanti li jtemmu sett ta' 30 siegħa ta' taħriġ.	90

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
8. Miżura 7.1 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-impieg taż-Żgħażaġh</i> (2014IT05-M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽¹⁰⁾ taht: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16-M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Emilia Romagna 2014IT05SFOP003 — POR Friuli VG 2014IT05SFOP004 — POR Lazio 2014IT05SFOP005 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018 — POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05SFOP015	Ir-rata fis-siegħa ta' appoġġ għal min jahdem għal rasu u għall-intraprenditorija awtonoma ⁽¹¹⁾	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-istaff, minbarra kwalunkwe allokkazzjoni.	L-għadd ta' sigħat ta' appoġġ mogħti lill-partecipanti	40

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
9. Miżura 8 tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali, <i>Inizjattiva favur l-Impieg taż-Żgħażaġħ</i> (2014IT05M9OP001) u operazzjonijiet simili ⁽¹²⁾ taħt: — POR Abruzzo 2014IT05SFOP009 — POR Basilicata 2014IT05SFOP016 — PO Bolzano 2014IT05SFOP017 — POR Calabria 2014IT16M2OP006 — POR Campania 2014IT05SFOP020 — POR Liguria 2014IT05SFOP006 — POR Molise 2014IT16M2OP001 — POR Puglia 2014IT16M2OP002 — POR Sardegna 2014IT05SFOP021 — POR Sicilia 2014IT05SFOP014 — PO Trento 2014IT05SFOP018 — POR Umbria 2014IT05SFOP010 — POR Valle D'Aosta 2014IT05SFOP011 — PON SPAO 2014IT05SFOP002 — POR Toscana FSE 2014IT05SFOP015	A. Kuntratti ta' impjieg li jsegwu l-mobbiltà interreġjonali professjonali jew tal-mobbiltà transnazzjonali professjonali; B. Intervista għall-impjieg taħt il-mobilità transnazzjonali professjonali	Kull spiża eliġibbli (sussidju ta' darba għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ikel, u l-allokazzjoni għall-intervista), minbarra kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali għall-persuni żvantaġġati u kwalunkwe allokazzjoni għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew l-ikel skont il-mobbiltà interreġjonali pprovduti mill-impjegatur.	L-għadd ta' kuntratti ta' impjieg jew intervisti għax-xogħol, differenzjati skont il-post	— Il-mobbiltà interreġjonali professjonali skont l-ammonti għal aktar minn 600 siegħa stabbiliti fit-Tabella fil-punt 3.4 ⁽¹³⁾. — Il-mobilità transnazzjonali professjonali għal intervista skont l-ammonti stabbiliti fil-punt 3.6 — Il-mobbiltà transnazzjonali professjonali skont l-ammonti stabbiliti fil-punt 3.7
10. Operazzjonijiet li jżidu l-għadd ta' pożizzjonijiet ta' PhD industrijali taħt il-programmi operazzjonali li ġejjin: — PON Ricerca 2014 IT16M20P005	Ix-xhur ta' ħidma fuq il-PhD	Kull spiża eliġibbli għall-parteċipant (salarji u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali relatati) u l-istituzzjoni li tipprovd i l-PhD (spejjeż diretti u indiretti).	L-għadd ta' xhur ta' ħidma fuq il-PhD, skont il-post fl-Italja jew barra l-pajjiż.	Mingħajr perjodu barra l-pajjiż: 1 927,63 kull xahar B'perjodu barra l-pajjiż: 2 891,45 kull xahar

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
— POR Basilicata FSE 2014IT05S-FOP016 — POR Campania FSE 2014IT05S-FOP020 — POR Puglia FESR FSE 2014IT16-M2OP002 — POR Calabria FESR FSE 2014IT16M2OP006 — POR Abruzzo FSE 2014IT05S-FOP009 — POR Sardegna FSE 2014IT05S-FOP021 — POR Molise FESR FSE 2014IT16M2OP001 — POR Friuli Venezia Giulia FSE 2014IT05SFOP004 — POR Liguria FSE 2014IT05S-FOP006 — POR Lombardia FSE 2014IT05S-FOP007 — POR Valle d'Aosta FSE 2014IT05SFOP011 — POR Toscana FSE 2014IT05S-FOP015 — PA Bolzano FSE 2014IT05S-FOP017 — POR Sicilia FSE 2014IT05S-FOP014 — POR Umbria FSE 2014IT05S-FOP010 — POR Emilia Romagna FSE 2014IT05SFOP003 — PA Trento 2014IT05SFOP018				

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	L-unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
